MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2013

Numru. 183/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**BENJAMIN FARRUGIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Benjamin Farrugia ta' 55 sena, bin Paul u Carmela nee' Formosa, imwieled Sliema fl-10 ta' Settembru, 1952, residenti f'37, Triq tax-Xtut, Qawra, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 899652(M);

Gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Ottubru 2006 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li

gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’ Francis Xavier Calleja mill-Mosta;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha u zamm ghandu ammont ta’ flus li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’ Francis Xavier Calleja mill-Mosta;
u aktar talli b’hekk sar recidiv a terminu ta’ l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 27 ta’ April 2005 u 13 ta’ Gunju 2006, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u li jinsabu a. fol. 87 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Rat l-artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 17, 31, 49 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Benjamin Farrugia, fuq ammissjoni, skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Benjamin Farrugia ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Benjamin Farrugia jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Benjamin Farrugia sabiex minnufih ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' tmintax-il Ewro u erbgha u sittin centezmi ta' Ewro (€18.64) rappresentanti spejjes ta' traduzzjoni inkorsi f'din kawza.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Benjamin Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------